**25 ta' April, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

George Zammit pr. et ne.

*versus*

Rev. Giuseppe Minuti pr. et ne.

**"Litis Pendentia" — Art. 795 tal-Kap. 15**

*Domanda għall-pagament tal-prezz dovut minħabba vendita li l-konvenut azzjonat għal'eh qiegħed jitlob ir-riżoluzzjoni*

***tagħha quddiem Qorti oħra tammonta għar-riżultat tad-difiża tal-attur. Li hu konvenut fil-kawża l-oħra. U meta żewġ kawżi jiġu ntavolati quddiem żewġ qrati kompetenti bejn l-istess persuni, u huma bażati fuq l-istess kuntratt jew titolu, u għandhom l-istess oġġett, b'mod li d-deċiżjoni f'waħda tkun ta' nokument u dannu fl-oħra, ikun hemm lok għall-akkolfiment tal-eċċezzjoni tal-"litis pendentia" u għar-rinviju tal-kawża lill-Qorti l-oħra ġa prevenuta bil-kawża l-oħra.***

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biha l-attur proprio et *nomine*, wara li *jingħataw* id-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti kollha opportuni, talab li l-konvenut proprio et nomine jiġi kundannat minn din il-Qorti jħallas lill-attur proprio et nomine s-somma ta' £70, bilanċ tal-prezz ta' £670 miftiehem għal sett ta' tnax il-kandlier u salib ordnati u kummissjunati mill-istess konvenut proprio et nomine lill-attur proprio et nomine, skond l-iskritturi hawn uniti (*dok. A u B*); *ta' liema oġġetti l-istess* attur proprio et nomine ħa pussess u rtira mid-dwana; bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni;

*Omissis*;

**Ikkunsidrat;**

Mill-attijiet tal-kawża u minn dawk li għalihom saret riferenza jirriżulta li l-konvenut proprio et nomine, fil-21 ta' Jannar 1959, introduċa quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ (ċitazzjoni numru 36/1959) kawża kontra l-attur odjern proprio et nomine sabiex jottjeni, għar-raġunijiet hemm imsemmija u fuq menzjonati, ir-riżoluzzjoni tal-vendita partikulari hemm speċifikata, u sabiex jottjeni l-kundanna tiegħu għar-radd tal-flus li huwa kien ħallas lill-istess Zammit proprio et nomine; liema kawża għadha pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ. Mill-banda *l-oħra, fis-7* ta' *Frar ta'* din is-sena, l-attur (konvenut fil-kawża kummerċjali) ippromwova l-kawża odjerna kontra r-Reverendu Minuti proprio et nomine (attur fil-kawża kummerċjali) quddiem din il-Qorti għall-bilanċ tal-

prezz tal-bejgħ li jifforma l-oġġett tal-kawża l-oħra; għal liema kawża odjerna l-Kappillan Minuti qiegħed in sostanza jopponi l-eċċezzjoni tal-"lis alibi pendens", kontemplata fl-art. 795 tal-Kap. 15 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat;

Illi d-domanda dedotta mill-attur odjern, li hija diretta għall-konsegwiment tal-pagament tal-bilanċ tal-prezz dovut minħabba u in forza tat-titolu tal-vendita, li l-istess konvenut Minuti qiegħed jitlob ir-riżoluzzjoni tagħha quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, ma tammontax għal ħaġ'oħra ħlief għar-riżultat tad-difiża tal-attur odjern u konvenut fil-kawża kummerċjali li tiżisti bejniethom, fejn Zammit oppona ruħu għat-talba tar-riżoluzzjoni tal-vendita, proposta b'mod prinċipali mir-Reverendu Saċerdot Minuti;

Illi meta żewġ kawżi jiġu ntavolati quddiem żewġ Qrati kompetenti bejn l-istess persuni, u huma bażati fuq l-istess kuntratt jew titolu u għandhom l-istess oġġett, b'mod li deċiżjoni f'waħda tista' tkun ta' nokument u dannu fl-oħra, jirrendi ruħu operattiv l-art. 795 tal-Kapitlu 15, fejn hemm stabbilit il-prinċipju tal-prevenzjoni; liema prinċipju huwa sostnut tant mid-dottrina kemm mill-ġurisprudenza, kif jidher min-nota dok. "A" hawn annessa sabiex tiġi hawn reġistrata;

Ikkunsidrat;

Illi fil-każ in diżamina jidher ċar li l-kwistjoni naxxenti bejn iż-żewġ u l-istess kontendenti (il-fatt li wieħed hu attur fil-kawża odjerna u konvenut fil-kawża l-oħra u viċeversa ma jalterax iċ-ċirkustanzi — ara nota "A". no. 1) mill-istess titolu li huwa l-vendita in kwistjoni, li wieħed irid jirriżolvi u l-ieħor irid li tkun mantenuta, għall-oġġett mill-parti l-waħda biex jieħu flusu mħallsa akkont lura u ma jkunx tenut għall-bilanċ tal-prezz, mentri l-ieħor għall-fini li jinkassa dan l-istess bilanċ, jirrendi manifesti r-rekwiżiti tar-rejudikata li huma meħtieġa sabiex isseħħ l-eċċezzjoni tal-pendenza tal-liti;

Illi l-ewwel Qorti prevenuta kienet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ, fejn il-kawża msemmija ġiet introdotta fil-21 ta' Jannar 1959, mentri l-kawża odjerna ġiet introdotta fis-7 ta' Frar 1959;

Illi l-konsegwenza legali ta' din l-eċċezzjoni hija li l-kawża li ġiet introdotta t-tieni waħda, meta ż-żewġ qrati jkunu ugwalment kompetenti, tista' tiġi mibgħuta lil dik il-Qorti l-oħra li tkun prevenuta;

Għalhekk;

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-pendenza ta' liti, u tordna li l-kawża tiġi rimessa lill-Qorti tal-Kummerċ; spejjeż riżervati lill-Qorti tal-meritu.

---

Nota - Dok. "A"

1. P.A. Ċivili 18 ta' Mejju 1920 in re "Trapani vs. Gaiea et.", Vol. XXIV-II-183, in partikulari paġ. 186 in fine u bidu paġ. 187, fejn ġie deċiż li l-pożizzjoni ta' attur u konvenut diversa fid-diversi kawżi ma timpurtax li l-istess kawżi mhumiex bejn l-istess persuni;

2. Carrè, Proċedura Civile, Vol. II, paġ. 166, Kwistjoni 726, fejn jingħad li "l'effetto della eccezione di pendenza di lite o di connessione è di fare rinviare innanzi la causa al tribunale che è stato adito il primo, quantunque per altro quello innanzi al quale o la stessa causa o la causa connessa fosse ultimamente introdotta sia competente per conoscere";

3. Pisanelli e Scialoia, Procedura Civile , Volume I, Parte I, paġ. 737, paragrafo 803 e seguenti; P.A. Ċivili 31 ta' Jannar 1879 in re "Laferla vs. Grixti", Vol. VII. paġ. 695; P.A. Ċivili "Howard vs. Bellini", Vol. XXV-II-723; P.A. 21 ta' Mejju 1935 in re "Bugeja Bonnici vs. Pullicino

ne.". Vol. XXIX-II-510; Appell 12 ta' Mejju 1950 in re "Jeffrey vs. Stellini", Vol. XXXIV p. 358; u s-sentenza ċitata wkoll fin-numru 1 fuq, fejn ġie deċiż li għall-akkoljiment tal-eċċezzjoni ta' pendenza ta' liti jridu jikko-eżistu r-rekwiżiti tal-eċċezzjoni tal-ġudikat;

4. P.A. Ċivili 27 ta' Jannar 1873 in re "Vincenzo Fava vs. Notaro Raimondo Psaila et.", Vol. VI, paġ. 393, derelitta fl-Appell, fl-istess Volum paġ. 727, minn fejn jidher li l-Prim'Awla Ċivili rrimettiet f'każ simili l-kawża lill-Qorti tal-Kummerċ.